Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 13/2013AE

**The General Workers Union**

**Vs**

**The British High Commission**

L-Erbgha, 20 ta' Jannar 2016.

Permezz ta' rikors ta' appell prezentat fl-4 ta' April 2013, The British High Commission (appellanti) appellat minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali tad-19 ta' Frar 2013 li biha ddecieda li:

*"The dispute between the General Workers' Union and the British High Commission is primarily a question of union recognition by an employer and therefore it falls within the jurisdiction of the Tribunal.*

*Consequently this Tribunal is herewith rejecting the preliminary objection raised by the British High Commission and will resume with the hearing of evidence regarding the issue of recognition of union representation as stipulated in the Collective Agreement signed between the parties"*.

Decizjoni li biha giet deciza l-eccezzjoni preliminari li tat l-appellanti li taqra:-

*"That it is humbly submitted that the complaint raised by the plaintiff Union does not fall within the parameters of a trade dispute as defined in the Employment and Industrial Relations Act, Chapter 452 of the Laws of Malta"*.

Il-kaz beda minn tilwima industrijali dwar l-gharfien tal-General Workers Union bhala l-Union li ghandha l-awtorita li tinnegozja *collective agreements*. Permezz ta' ittra ndirizzata lit-Tribunal Industrijali u datata 16 ta' April 2012, il-Ministru ghall-Gustizzja, Djalogu u l-Familja bhala l-Ministru responsabbli ghall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali kiteb:

*"Ircevejt ittra minghand Dr Cory Greenland, ghan-nom tal-GWU f'April 2012, fejn qed jirreferi l-kaz dwar it-tilwima industrijali li nholqot bejn il-GWU u l-British High Commission u li din it-tilwima tigi deciza mit-Tribunal Industrijali.*

*It-Terms of Reference huma dawk imnizzla fl-istess ittra.*

*Ghalkemm sar intervent mid-Direttur tad-Dipartiment ghat-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg biex tigi rizolta t-tilwima, dan ma kellux ezitu pozittiv.*

*Qieghed ghalhekk nibaghatlek l-ittra msemmija biex taghmel dak kollu li ghandu jsir skond it-Tielet Parti tal-Att tat-Tribunal Industrijali fuq imsemmi biex tigi deciza t-tilwima"*[1].

L-aggravji tal-appellanti mid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali, huma li:-

1. Il-kwistjoni prezenti ma taqax fid-definizzjoni ta' tilwima ta' xoghol skond l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452).
2. Jekk tqum kwistjoni ta' verifika dwar jekk Union tgawdix l-appogg tal-maggoranza tal-impjegati, hu d-dmir tar-Registratur ta' Trade Unions li jaghmel tali ezercizzju.
3. L-ezercizzju ta' verifika kien diga' sar. Fil-fatt minn email datata 23 ta' April 2012 ir-Registratur ta' Trade Unions kien ikkonkluda li l-appellata ma tatx prova li ghandha iktar minn 50% tal-impjegati tal-appellanti li huma membri taghha.

L-appellata wiegbet li:-

1. L-appell hu null ghaliex prezentat *fuori termine*.
2. M'hemmx appell minn tilwima industrijali, kif inhu l-kaz odjern.
3. It-Tribunal ghandu l-kompetenza biex jiddeciedi kwistjoni dwar *union recognition*.

Il-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni.

**<u>L-ewwel eccezzjoni</u>**.

L-ewwel eccezzjoni tal-appellata hi nfondata ghaliex l-eccezzjoni hi bazata fuq l-Artikolu 82(3) tal-Kap. 452, li jipprovdi:-

*"Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi. Dan l-appell għandu jsir b'rikors lill-Qorti tal-Appell kkostitwita skont l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal"*.

Il-jedd ta' appell quddiem din il-qorti minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali, hu moghti biss fil-kazijiet li jissemmew fl-imsemmija provvedimenti. F'dan ir-rigward hi rilevanti s-sentenza ta' din il-qorti fil-kaz General Workers Union vs Bank of Valletta plc[2] tas-26 ta' Gunju 2008:

[1] Talba li saret skond l-Artikolu 74 tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452).
[2] Imhallef R. Pace.

*"Illi taht **Titolu I tal-Kap 452** l-unika kazijiet li jistghu jigu riferiti lit-Tribunal Industrijali huma dawk dwar allegat trattament diskriminatorju, xoghol ta' valur ugwali, vittimizzazzjoni, ghoti ta' fasitidju li jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikoli **26 sa 28 tal-Kap 452** u tali riferenza quddiem l-istess Tribunal hija mahsuba fl-**artikolu 30** li jipprovdi li:-*

*"(1) Persuna li tallega li l-principal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg ikunu jiksru, d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', fi zmien erba' xhur mill-ksur allegat, tipprezenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali ghandu jisma' dak lilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xieraq".*

M'hemmx dubju li l-kaz in kwistjoni m'huwiex wiehed minn dawk li skond l-Artikolu 82(3) jezisti dritt ta' appell quddiem din il-qorti. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi michuda.

__Tieni eccezzjoni.__

Appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) hu biss kontemplat fil-kazijiet li jissemmew fl-Artikolu 82(3) tal-Kap. 452. Diga' rajna li l-kaz in ezami m'huwiex wiehed minn dawk kontemplati fl-imsemmi provvediment. Ghalhekk ghandha ragun l-appellata li mid-decizjoni parzjali tat-Tribunal Industrijali tad-19 ta' Frar 2013 m'hemmx appell quddiem din il-qorti.

**Ghaldaqstant:-**

i. **Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
ii. **Tilqa' t-tieni eccezzjoni u tiddikjara null l-appell prezentat fl-4 ta' April 2013.**

**Spejjez a karigu tal-appellanti**.

**Tordna lir-Registratur sabiex jibaghat lura l-atti quddiem it-Tribunal Industrijali**.

Anthony Ellul.